**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 44 – IT-TLIETA, 8 TA' APRIL 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Janet Barthet | Membru |

**1 Minuti Numru 43**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Iċ-Chairman, f'isem il-kumitat, ta l-kondoljanzi lis-Sur Etienne Bonello Du Puis u lill-familija Du Puis kollha għall-aħbar tal-mewt tas-Sur Albert Bonello Du Puis.

2.2 Ġiet diskussa l-approvazzjoni biex Triq il-Gardell issir One Way. Ġie deċiż li l-implimentazzjoni ta' din tiġi posposta minħabba li mhux prudenti li jsir dan ix-xogħol meta ser ikun hemm kumitat ġdid elett ix-xahar id-dieħel.

2.3 Ġiet innutata l-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u s-Segretarju Eżekuttiv rigward ir-risposta negattiva għall-fondi għall-attivitajiet kulturali (Memo 25/2013). Ġie deċiż li ċ-Chairman jibgħat ittra lid-Direttur.

2.4 Ġie deċiż li ssir bibita żgħira fejn jiġu mistednin il-Kunsilliera u l-iStaff għall-okkażjoni tat-tmiem din il-leġislatura.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Ġiet innutata li beda x-xogħol fuq il-bankini.

3.2 Kien hemm konsensus li l-enforcement fil-Kappara u San Ġwann mhumiex sodisfaċenti.

3.3 Ġiet innutata ittra fejn kien hemm ilment li hemm dgħajsa fuq trailer fi Triq il-Virdun. Dan il-każ ġie riferut lill-Pulizija.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju 2014 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**